MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 986/1999/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-**
**socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha**
**John sive' Ivan Gravina u b'nota tat-13 ta' Mejju 2004 is-socjeta' Atlas Insurance Limited bhala cessjonarja tad-**
**drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera AXA Insurance plc gia'**
**Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittjiet**
**tal-assikurat taghha John sive Ivan Gravina, assumiet l-atti**

**Vs**

**Vincent Abela**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine s-somma ta' hames mija erbgha u tletin lira hamsin centezmu (Lm534.50c) in linea ta' danni mill-konvenut kagunati u minnha sborsati a favur l-assikurat taghha in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Birkirkara fis-26 ta' Settembru 1998 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru IBB 584 habat mal-vettura Nru CAD 362 propjeta' ta' John sive Ian Gravina u misjuqa minnu, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Dicembru 1998, dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 1999, u dawk tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz ghan-notifika tas-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mill-4 ta' Marzu 1998, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident in kwistjoni kienu jahtu indaqs iz-zewg sewwieqa stante li hawn si tratta ta' kollizzjoni li grat f'nofs it-triq.
2. Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni illi jekk din l-Onorabbli Qorti tiddieciedi l-kawza nofs bin-nofs, allura l-konvenut m'ghandux ibaghti spejjez tal-istess stante illi permezz tas-socjeta' assikuratrici tieghu huwa kien offra li l-pendenza tigi rizolta nofs bin-nofs u dan permezz ta' korrispondenza bejn is-socjetaijiet assikuratrici involuti pero' l-attur nomine irrifjuta u baqa' jinsisti li l-klijient tieghu kellu r-ragun kollu.
3. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, kif risultanti mill-istess nota ta' eccezzjonijiet sottomessa minnu, il-konvenut jikkontendi li l-assikurat tas-socjeta' attrici nomine u l-istess konvenut ghandhom jigu ritenuti responsabbli skond il-ligi b'mod indaqs minhabba li dan l-incident stradali avvera ruhu "… f'nofs it-triq".

Ikkunsidrat

Illi t-triq in kwistjoni, li tmur minn Tal-Balal fil-limiti tan-Naxxar lejn Birkirkara u vici versa, giet deskritta bhala wahda mserrpa u b'partijiet minnha bhala wesghin u ohrajn li jidjiequ izda b'zewg karozzi li jistghu jghaddu ma xulxin, fid-direzzjoni opposta. Dan jidher mill-iskizz esebit in atti minn PS 1048Mario Busuttil (fol 12 tal-atti) liema skizz ma giex kontestat mill-partijiet. Fuq l-istess skizz, wiehed jista' jara l-posizzjoni taz-zewg vetturi involuti wara l-kollizzjoni in esami, b'dik tal-attur qed ihares lejn in-Naxxar u qed tinsaq f'parti dejqa tat-triq waqt li dik uzata mill-konvenut qed thares fid-direzzjoni ta' Birkirkara u tidher li hemm insaqet minn parti wiesa ghal ohra aktar daqqa, dejjem tat-triq in kwistjoni.

Ikkunsidrat

Illi dwar id-dinamika tal-incident l-attur kien stqarr lill-imsemmi Pulizija (fol 15 tal-atti) illi 'Kont ghaddej fi Triq Gharghur fid-direzzjoni tan-Naxxar meta vettura … li kienet gejja kontra baq(gh)et diehla fuqi. Jiena kont fuq is-side tieghi. Da parti tieghu l-konvenut kien stqarr li kien qed jsuq fid-direzzjoni opposta ghall-attur u dan baqa' diehel fuqi.

Ikkunsidrat

Illi l-attur, meta xehed, (fol 34 u fol 35 ibid) sema' illi, l-kollisjoni grat fejn hemm "… naqra ta' linja' u waqt li kien '…. Fuq in-naha tieghu tat-triq'. Inoltre meta kien ra, madwar ghoxrin pied boghod, l-vettura misjuqa mill-

konvenut, gejja minn quddiemu, hu kien qed jsuq 'bi speed normali' u 'jiena gbidt kemm stajt lejn il-hajt fuq in-naha tax-xellug tieghi. Difatti, minhabba din il-manuvra, il-vettura tieghu ntalqtet 'mill-bieba ta' wara lura fuq il-genb tieghu' minflok ' fuq quddiem' (ara ukoll fol 15 ibid taht 'vehicle damage').

Illi l-konvenut (fol 45 u fol 46 ibid) spjega li hu kien qed jsuq, ghan-nizla, sejjer fid-direzzjoni ta' Birkirkara meta saret l-habta in esami "… f'wahda mid-dwawar liwjiet'. Hu sema' li l-istess incident gara ' …. lejn nofs it-triq fejn ma hemm l-ebda linji'. Wara li qal illi bejn ir-rispettivi vetturi u l-hajt fuq ix-xellug taghhom kien hemm distanza ta' madwar zewg piedi,hu sostna, li anke fil-kaz tieghu, hu pprova jigbed, bhal ma ghamel l-assikurat tas-socjeta' attrici nomine, lejn ix-xellug fid-direzzjoni tal-hajt, izda xorta wahda saret il-habta. In kontro esami, hu stqarr illi kien minnu illi hu kien gej '… mill-parti l-wiesa u diehel f'parti aktar dejqa".

Ikkunsidrat

Illi, biex tasal ghad-decizoni taghha, f'dan l-kaz, il-Qorti kkonsiderat is-segwenti:-

a. Fix-xhieda tieghi, il-konvenut sema' illi hu kien tal-fehma illi "…. Hemmhekk zewg vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta jistghu jghaddu ma xulxin" s'intendi minghajr ma jahbu. Ghalhekk jekk wiehed jaccetta dak li hu xehed fis-sens illi anke hu gibed lejn ix-xellug tieghu kif ra l-vettura l-ohra, din il-kollisoni ma keinetx tavvera ruhha. Ghalhekk, hu logiku li wahda mill-vetturi involuti kienet qabzet anke jekk minimament u 'in parte' il-linja medjana immaginarja tat-triq, ossija kienet 'wrong side'. Mill-esami tal-iskizz imsemmi u mhux kontestat abbinat max-xhieda tal-assikurat tas-socjeta attrici nomine, wiehed jista' jikkonkludi illi wiehed jista' jara u jikkonkuldi illi meta gara l-incident , il-vettura misjuqa minn dan kienet' on the proper side of the road'. Dwar dan il-punt wiehed ukoll jista' jibbasa tali konkluzjoni fuq fejn saru l-hsarat fuq il-vetturi rispettivi, kif deskritti hawn fuq. Difatti, jekk tigi accettata il-versjoni tal-konvenut, wiehed kien

jistenna illi l-hsarat fuq il-vettura tal-istess assikurat kienu jkun koncentrati fuq il-parti ta' quddiem ta' din il-vettura.

b. Jigi sottolineat ukoll illi hu pacifiku illi vettura li qed tinsaq minn parti wiesa ghal ohra inqas wiesa' tal-istess triq, ghandha taghti precedenza lil vettura ohra li ghandha fil-parti d-dejqa. Minhabba dan, il-konvenut kien tenut li, qabel ma jidhol fil-parti aktar dejqa, jesplora sew it-triq u jdoqq il-'horn' sabiex jara jekk hux gej traffiku minn faccata oltre li jsuq bil-mod l-aktar prudenti b'velocita baxxa u fuq 'gear' baxx ukoll. Dwar dawn il-punti, ma ingiebet ebda prova da parti tal-konvenut li hu ha tali prekawzjonijiet.

Illi, a basi tal-premess, il-Qorti tinsab konvinta illi r-resposnabilita ghal dan l-incident ghanda tinghata 'in toto' lill-konvenut minhabba n-nuqqasijiet, da parti tiieghu, kif hawn fuq premess.

Ikkunsidrat

Illi l-'quantum' ta' danni pretizi fl-avviz, u li ma gewx kontestati, ghandha ssir referenza ghax-xhieda ta' Stephen Conti (fol 25 et seq ibid) u ghad-dokumenti esebiti minnu u li jinsabu a fol 27 sa fol 33 tal-atti. L-istess xhud ikkonferma li l-assikurat imsemmi thallas mis-socjeta attrici nomine ir-risarciment ghal hsarat kollha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u in osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut;
2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm534.50,0 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm534.50,0 bl-imghax legali mill-4 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Dicembru 1998 u dawk ufficjali tal-4 ta' Marzu 1999 u tat-28 ta' Gunju 1999, imsemmijin fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------